# GIACOMO TORTELLA

## 30 sena kappillan ta' l-Imqabba
## Dak li beda d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju.

Kitba tal-Kan. Jos. Bonello

Fost il-Kappillani li mexxew l-Imqabba, wieħed li-baqa' jissemma għall-qdusija u l-għerf tiegħu, kien is-saċerdot Bormliż Giacomo Tortella. Dan dam 30 sena kappillan fejn wera kapaċità kbira fix-xogħol pastorali, tant li ġie mfaħħar ħafna mill-Isqof stess. Qatt ma fittex unuri għalkemm kien magħruf ferm tant mill-Gran Mastru De Rohan, kif ukoll mill-Inkwiżitur. Dejjem wera umiltà kbira, u kien moħħu biss f'affarijiet spiritwali tal-parruċċani tiegħu.

### Min kien

Giacomo Baldassar Michael Tortella twieled Bormla fl-4 ta' Diċembru 1726; missieru kien l-ispiżjar Pawlu u ommu kienet Bibiana neè Argenta. [1] Laħaq kappillan ta' l-Imqabba fis-sena 1757. [2] Kellu ħuh ieħor saċerdot Dun Gio Battista Tortella li irċieva l-Ordni Sagri fit-18 ta' Diċembru 1760. [3]

Bħala Bormliż, il-kappillan Tortella kien devotissimu ta' l-Immakulata,u għalhekk xtaq li jdaħħal fil-Parroċċa ta' l-Imqabba din id-Devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni. Wara talba li saret minn diversi saċerdoti u minn għadd ta' nies mir-raħal, il-kappillan għamel rikors lill-Kurja biex titwaqqaf il-Konfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Wara li ġew eżaminati l-Istatuti mid-Delegat ta' l-Isqof Dun Franġisk Uzzino, l-Isqof Pellerano b'digriet tad-29 ta' Jannar 1772 waqqaf kanonikament fil-Parroċċa ta' l-Imqabba din il-Konfraternità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. [4]

Mhux hekk biss, iżda b'digriet speċjali minn Ruma din il-Konfraternità ta' l-Imqabba ġiet magħquda mal-Ven. Arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni ta' San Lorenzo in Damasco ta' Ruma. Dan id-digriet ġie ippubblikat fil-Knisja fil-24 ta' Settembru 1775 mill-kappillan Tortella.[5] B'hekk il-fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' l-Imqabba bdiet tgawdi l-grazzi u l-privileġġi spiritwali li għandha l-Arċikonfraternità ta' Ruma. [6]

Din il-fratellanza fiż-żmien kellha ħafna membri, u għadha sa llum tagħmel kull sena il-festa tal-Kunċizzjoni, Ħadd wara it-8 ta' Diċembru u torganizza il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju li fl-Imqabba issir bl-akbar solennità.

Nistgħu ngħidu li l-każin tal-Banda tal-Ġilju huwa frott tad-devozzjoni li l-membri tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni dejjem kellhom lejn l-Immakulata.

### L-Irvell tal-Qassisin

Tant kien ta' l-affari tiegħu il-kappillan Tortella li jissemma' b'tifħir kbir f'dak li fl-istorja tagħna hu magħruf bħala "l-Irvell tal-Qassisin". Din ir-rewwixta faqqgħet f'Malta fi żmien il-Gran Mastru Ximenes, meta Dun Gejt Mannarino flimkien ma' għadd ġmielu ta' Maltin, fosthom numru sabiħ ta' qassisin u kjeriċi irvellaw kontra il-Kavallieri, minħabba t-trattament ħażin tagħhom. Iżda dan l-irvell falla. Dun Gejt Mannarino ġie mitfugħ il-ħabs għal għomru u, oħrajn ġew maqtula jew eżiljati. Dun Gejt inħeles 23 sena wara minn Napuljun Bonaparte. [7]

Twaqqaf tribunal biex jiġġudika lir-ribelli. B'ordni ta' Ruma fost il-membri ta' dan it-tribunal kellu jinħatar saċerdot, nominat mill-Inkwiżitur. Is-Saċerdot maħtur kien il-Kappillan Tortella, wara li l-Arċipriet ta' San Pawl tal-Belt u il-Kappillan ta' Bormla ma aċċettawx. Iżda biex ma jiġġudikax lil sħabu saċerdoti Tortella lanqas ma aċċetta. Dan juri kemm Tortella kien qassis ta' l-affari tiegħu, maħbub mhux biss minn sħabu s-saċerdoti, iżda wkoll mis-superjuri tiegħu. [8]

Tortella miet fl-20 ta' April 1802, wara ftit ġimgħat li laħaq kappillan taż-Żejtun, wara tant snin Vigarju Kurat. [9]

### Riferenzi


1. *Reġistru tal-Magħmudija 1726*, Registru 5, p. 48 .
2. *Arkivju tal-Kurja Floriana*, Kappillani Imqabba 1715.
3. Zammit Dun Lawrenz, *Descrizione Storica tal-Cnisia Parrocciali ta' l-Imqabba*, p. 46.
4. Borg Mons. V., *Marian Devotions etc.*, p. 97.
5. *Il-Fratellanza ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' l-Imqabba*, pp. 8, 11,12,13,16.
6. *Ibid.*
7. Callus Philip, *The Rising of the Priests*, p. 46.
8. *Programm tal-Festa ta' Sta. Katerina - Zejtun 1989*, "Giacomo Tortella" artiklu ta' Dun Joe Abela.
9. *Reġistri tal-Mejtin - Parroċċa Zejtun 1802*, p. 69.


**Kan. Jos. Bonello**